# Il-Knisja l-Ġdida

**Carl Farrugia**

Dan l-aħħar ġew f'idejja ritratti li ttieħdu minn ħelikopter mid-Dipartiment tal-Informazzjoni matul is-snin 70 li juru l-bini tal-koppla tal-Knisja l-ġdida tas-Santwarju tal-Karmnu tal-Belt Valletta li nbniet bejn l-1960 u l-1981. Din il-koppla, li saret parti integrali mill-i*skyline* tal-Belt Valletta u meta wieħed jara ritratti tal-Belt minn Tas-Sliema kif ukoll min-naħa l-oħra jaraha kif ukoll minn diversi postijiet madwar Malta. Din il-koppla flimkien mal-kampnar tal-Katidral tal-Anglikan jintużaw bosta drabi f'riklami u *logos*.

Fl-ewwel żewġ ritratti naraw li l-knisja kien inbniet sal-ewwel twieqi tal-koppla.





It-tieni sett ta' ritratti li ttieħdu juru kienet inbniet il-koppla sa qabel l-anterna.





**Tagħrif Storiku**

Il-knisja l-antika tal-Madonna tal-Karmnu, li nbniet fuq pjanta ta' Ġilormu Cassar, tlestiet fl-1586 u li matul is-snin ta' wara kelli diversi interventi arkitettoniċi sofriet żewġ daqqiet kbar fit-Tieni Gwerra Dinjija. Għalhekk il-patrijiet Karmelitani taħt it-tmexxija tal-Pirjol ta' dak iż-żmien Patri Anselmo Chircop O. Carm





ddeċidew li jibnu knisja ġdida ikbar minn dik li kien hemm.

Tqabbad il-Perit Joseph D'Amato biex jagħmel il-pjanta tal-knisja li tlesliet minn Louis Naudi. L-ewwel ġebla tpoġġiet fit-30 ta' April 1958 mill-Ġeneral tal-Karmelitani Parti Kilian Lynch. Parrini f'din l-okkażjoni kienu l-Perit Agius, Rettur tal-Fratellanza tal-Karmnu u s-Sur Edgar Preca, benefattur kbir tas-Santwarju. Il-bini tal-knisja beda fl-1960 u tlesta fl-1981 meta l-knisja ġiet ikkonsagrata minn Patri Manwel Gatt. Wara li tlesta l-bini saret l-iskultura mill-Kavallier Joseph D'Amato. Ta' min jgħid ukoll li l-pitturi li kien hemm fil-knisja l-antika tpoġġew fil-knisja l-ġdida. Fid-9 ta' Awwissu 1991 ttella' s-salib tal-koppla f'postu.

FAWKNER STORE
(KARINA)
9920 9460

